**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 565/2019 AGV ;**

**AB C (KI: 367813L)**
**Vs**
**D E (KI 122378M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' ABC datat 17 ta' Dicembru 2019, fejn espona bir-rispett u ikkonferma;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fir-Registru taz-zwieg gewwa l-Belt Valletta fil- 5 ta' Jannar 2008 skont certifikat taz-zwieg bin-numru 48/2008- Ara Dok A;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b' kuntratt ta' firda personali datat 24 ta' Awwissu 2015 (Dok. B);

3. Illi l-partijiet ghexu separatament minn dakinhar tas-seperazzjoni konsenswali.
4. Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom.
5. Illi ghalekk il-paritijiet jissodisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega li tirrikjedi l-Ligi sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju u cjoe' skont l-artiklu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Ir-rikorrent ipproceda f' dawn l-atti tramite' l-ufficju tal-Ghajnuna Legali.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, ma ghandhiex;

1. Tordna l-hall taz-zwieg taghhom minnhom kuntrattat fil-5 ta' Jannar 2008.
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra id-divorjzu tal-partijiet fir-registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li mil-lum hija ingunta in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ta' DE** datata 21 ta' Frar 2020, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-esponenti toggezzjona ghal tali divorzju stante li r-rikorrenti, heba lit-tlett itfal taghhom FC, GC u HC in-Nigerja, ma jistax ikollha kuntatt maghhom. B' hekk il-kuntratt ta' firda personali li sar bejn il-partijiet, datat l- 24 ta' Awwissu 2015 mhux jigi onorat mir-rikorrenti;
2. Illi l-esponenti kellha tifel iehor bl-isem ta' IC fiz-zmien li ghamlet mizzewwga lir-rikorrenti u prezentament hemm proceduri ta' paternita' quddiem l-Qrati ta' Malta ( Rik nru : 170/2018 AGV fl-ismijiet ABC vs DCE, Direttur tar-Registru Pubbliku, u kuraturi deputati ghal minuri IC);
3. Illi ir-rikorrenti taqbel ma' paragrafu wiehed, tnejn, tlieta u erba' tar-rikors promutur;

4. Illi l-esponenti stante li kien ir-rikorrenti li intavola dal-proceduri, tissometti li ghandu jkun hu li jbati l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dil-procedura;

Ghaldaqstant ,l-esponent umilment u bir-rispett titlob lil Onorabbli Qorti, tichad it-talbiet tar-rikorrenti, stante li mhux qed jigi onorat il-kuntratt ta' firda personali datat 24 ta' Awwissu 2015, partikolarment b' referenza ghal klawsola 7 (k) tal-kuntratt fejn minkejja l-fatt li r-rikorrenti obbliga ruhu li mal-firma tal-kuntratt , it-tfal jingiebu lura Malta, l-esponenti ghadha sal-lum ma tafx fejnhom uliedha;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat li l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi.

**IKKUNSIDRAT**

Illi mill-fatti esposti mill-partijiet, l-unika vertenza li tezisti hija dwar it-tlitt itfal taghhom imsemmija. Skond il-kuntratt ta' separazzjoni, it-tfal ghandhom jirrisjedu mal-missier, u l-intimata omm ghandha thallas manteniment ghalihom. Ir-rikorrenti missier mhux qed jitlob arretrati ta' manteniment, ghalhekk dan ir-rekwizit tal-ligi huwa soddisfatt. Jidher ukoll li l-partijiet ilhom separate ghal aktar minn erba' snin, u jidher li ma hemmx possibilita' li jirrikonciljaw bejniethom. Il-vertenza sollevata mill-intimata hija li t-tfal m'humiex jirresjedu Malta, kif kien obbligat jaghmel ir-rikorrenti mal-kuntratt ta' separazzjoni. Din il-vertenza, izda, ma tikkwalifikax bhala oggezzjoni permissibbli mil-ligi biex ma jinghatax id-divorzju bejn il-partijiet. L-elementi l-ohra, u cioe' li ma hemmx arretrati ta' manteniment, li l-partijiet ilhom separate ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni bejniethom, dawn kollha jirrizultaw

ampjament f'din il-kawza. Ghalhekk, il-Qorti, ghalkemm tifhem li l-intimata tixtieq tistabbilixxi kuntatt ma' uliedha, peress illi tali oggezzjoni m'hijiex wahda permissibbli skond il-ligi, sejra tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti-

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur sabiex, fi zmien ghaxart ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju, sabiex dan jigi hekk registrat skond il-ligi.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Deputat Registratur**